MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 97/2012

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors tal-attur tal-15 ta’ Frar 2012 li permezz tieghu wara li ppremetta s-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elf disa’ mija u tmenin (1980) li u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal li llum huma kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mill-1992 u legalment separati bis-sahha ta' kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Pierre Falzon LLD fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra

(2010) kif emendat bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottoressa Patrizia Mallia tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u ghandhom 'il fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena fl-eta;

Illi l-intimita intitolata ghall-manteniment u qieghda debitament tircievih skont il-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq deskritt;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-Qorti,

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' D C tal-14 ta' Marzu 2012 li permezz taghha ddikjarat li qed topponi ghat-talbiet attrici minghajr ma tat ebda raguni.

Fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2012 il-konvenuta spjegat li kienet qed topponi peress li l-partijiet ma kienux ilhom separati ghal aktar minn erba' snin u ghaliex l-attur ma kienx puntwali fil-hlas tal-manteniment minnu dovut lilha.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Il-partijiet izzewgu fis-17 ta’ Mejju 1980. L-attur ezebixxa zewg kuntratti, wiehed ta’ separazzjoni ippubblikat fis-26 ta’ Jannar 2010 u iehor ippubblikat fit-23 ta’ Jannar 2012 fejn saru xi emendi ghall-ewwel wiehed. Paragrafu A1 tal-ewwel kuntratt jipprovdi “Illi l-partijiet qeghdin jinfirdu u jisseparaw ruhhom minn xulxin b’effett immedjat u qeghdin jilliberaw lil xulxin mill-obbligi ta’ l-assistenza u tal-konvivenza, kull parti jkollha ghalhekk id-dritt millum ‘il quddiem li tiffissa r-residenza taghha fejn trid hi u qieghda tobbliga ruhha fil-konfront tal-parti l-ohra li ma timmolestax lill-parti l-ohra.” Bis-sahha tal-istess kuntratt giet xolta l-komunjoni tal-akkwisti filwaqt li l-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta “nofs il-pensjoni netta” li tigi percepita mill-attur.

Peress li l-partijiet riedu jaghmlu xi emendi ghal tali kuntratt, huma resqu fuq kuntratt iehor ippubblikat fit-23 ta’ Jannar 2012.

Il-konvenuta xehdet illi dan il-kuntratt kien wiehed ta’ konvenjenza u li mhux minnu li l-partijiet riedu jisseparaw. Resqet diversi xhieda b’affidavit biex issostni l-pretensjoni taghha li tul dawn l-ahhar snin huma kienu koppja li qed jghixu flimkien.

L-attur min-naha tieghu isostni li ghalkemm baqghu jirrisjedu fl-istess binja, ilhom separati de facto sa mis-sena 1992. Jghid li f’dawk l-okkazzjonijiet li dehru flimkien dan ghamluh ghal ghajn in-nies u f’okkazjonijiet partikolari.

M’hemmx dubju li xi hadd mill-partijiet mhuwiex qed jghid il-verita’ kollha.

Ikkunsidrat.

Ezami aktar akkurat tal-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fis-26 ta' Jannar 2010 jaghti hjiel ta' x'kienet is-sitwazzjoni residenzjali tal-partijiet gia' ezistenti dak iz-zmien.

Jinghad hekk f'paragrafu 5 tal-kuntratt:-

"5. Il-partijiet qieghdin jiddikjaraw illi d-dar matrimonjali taghhom li hija irregistrata f'isem binthom Fleur Marie C cioe' id-dar bl-isem La Scenic New Street fi Triq il-Bahar l-Iswed San Giljan ser tintuza mill-konjugi bil-mod kif diviza bejniethom ossia li l-mara tghix fil-parti ta' fuq tad-dar u cioe' l-ewwel u t-tieni sular u l-washroom filwaqt li r-ragel ighix fil-mezzanin fil-basement level inkluz il-gnien filwaqt li l-garage jintuza komunament bejniethom.".

Id-dicitura uzata tindika li l-partijiet kienu gia' qed jirrisjedu f'ambjenti separati tad-dar matrimonjali l-konvenuta fil-parti ta' fuq tad-dar u l-attur fil-parti t'isfel tad-dar.

Rilevanti wkoll il-proceduri ta' medjazzjoni antecedenti l-pubblikazzjoni tal-kuntratt in dizamina. Jirrizulta illi l-process gudizzjarju dwar is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet kellu l-bidu tieghu bl-intavolar ta' ittra ghall-medjazzjoni pprezentata mill-attur fil-31 ta' Awwissu 2009 fil-medjazzjoni numru 39/10. Hija ghalhekk verosimili l-verzjoni tal-attur illi l-partijiet kienu ilhom de facto separati u mhux kif qed tallega l-konvenuta li sas-sena l-ohra kienu qed jghixu flimkien.

Hija ghalhekk il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-verzjoni tal-attur li l-partijiet ilhom separati de facto ghal numru ta' snin hija aktar attendibbli mill-verzjoni li tat il-konvenuta.

Ghaldaqstant il-vot tal-ligi rigward il-htiega li ghall-pronunzjament ta' divorzju huwa mehtieg li l-partijiet ikunu ilhom ta' lanqas separati de facto ghal mhux anqas minn erba' snin hija sodisfatta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa’ t-talbiet attrici billi tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------